**16 ta' Diċembru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B. Litt., LL.D.**

Carmelo Cefai

*versus*

Giuseppe Caruana et.

## Fidejussjoni — Art. 2033 tal-Kodiċi Ċivili.

*Il-pleġġerija ma tistgħax tkun preżunta, iżda għandha tkun espressa; b'mod li hi mil-liġi eskluża l-fidejussjoni taċita, deżunta biss miċ-ċirkustanzi.*

*Kwindi, avvolja l-pretiż garanti jkun iffirma l-iskrittura li biha ġie kostitwit id-dejn tad-debitur prinċipali, ma hemmx fidejussjoni jekk f'dik il-kitba l-garanzija lanqas biss issemmiet. Ladarba l-garanzija ma hix espressa, għandha tiġi eskluża.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi bi skrittura privata tal-ewwel ta' Awissu 1959 l-attur Cefai silef lill-konvenut Caruana s-somma ta' £18, li miżjudin ma' somma oħra ta' £12 jagħmlu flimkien it-total ta' £30, liema somma l-konvenuti obligaw ruħhom li jħallsu lill-attur b'rati settimanali ta' £1 l-waħda; premessa d-dikjarazzjoni illi la d-debitur prinċipali Caruana, u lanqas il-garanti tiegħu Arena, ma ħallsu ebda rata settimanali kif ġiet mifthema, u li għadda ż-żmien li fih dawn il-pagamenti rateali setgħu jiġu effettwati; talab li l-konvenuti jiġu kundannati jħallsu lill-attur — il-konvenut Caruana bħala debitur prinċipali, u l-konvenut l-ieħor Arena bħala garanti tiegħu — is-somma ta' £30, għal somma ugwali li ġiet kostitwita in debitu bi skrittura privata tal-ewwel, ta' Awissu 1959, u li kellha titħallas b'rati settimanali ta' lira l-waħda, bla ma sar minnhom ebda pagament reteali; barra mill-interessi ċivili fuq din is-somma sal-jum tal-pagament effettiv. Bl-ispejjeż tal-kawża kontra l-konvenuti;

*Omissis:*

**Ikkunsidrat;**

Illi, mentri l-attur jippretendi li l-konvenut Arena hu garanti tal-konvenut Caruana, Arena jgħid illi hu ma assuma ebda obligazzjoni favur l-attur, u illi hu ffirma l-iskrittura fol. 8 sempliċement bħala xhud;

Illi, qabel xejn, jeħtieġ li jiġu premessi xi konsiderazzjonijiet dwar dak li hu legalment meħtieġ biex ikun hemm fidejussjoni. Skond l-art. 2033 tal-Kodiċi Ċivili, "il-pleġġerija ma tistgħax tkun preżunta, iżda għandha tkun espressa", jiġifieri l-liġi riedet teskludi l-fidejussjoni taċita, deżunta biss miċ-ċirkustanzi;

Ir-Ricci jikkommenta l-art. 1902 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, korrispondenti għad-dispożizzjoni fuq ċitata tal-liġi tagħna, u josserva:— "Quale è il senso di questa disposizione? Il consenso o la volontà di obligarsi è sempre necessario per dar vita all'obbligazione contrattuale; ma secondo i principi generali di diritto questo consenso può darsi espressamente, con parole dirette, o può manifestarsi implicitamente con fatti; nell'un caso come nell'altro l'obbligo sussiste. Il legislatore ha voluto derogare a questi principi, disponendo che la fideiussione debba essere contratta espressamente, ed escludendo quindi la fideiussione tacita. Quali i motivi della deroga? La fideiussione è un carico che d'ordinario si assume senza corrispettivo; essa mette il fideiussore nella dura condizione di pagare i debiti altrui, senza alcun utile per sè; il legislatore quindi non vuole solo essere sicuro che il fideiussore ha inteso obbligarsi, ma vuole altresì accertarsi che si è proceduto con ponderazione e cognizione di causa . . . . Il silenzio non è mai sufficiente per stabilirla" (Diritto Civile, Vol. IX, §328). F'dan is-sens huwa wkoll l-insenjament ta' Laurent (Diritto Civile, Vol. XXVIII, §153), ta' Baudry (Fideiussione §929), u Cattaneo e Borda (Codice Civile Italiano Commentato, art. 1902). U għalhekk, kif jikkonkjudi Marcadè, "la fideiussione deve essere certa in quanto alla sua esistenza, poichè essa non si presume" (Cod. Napol. art. 2015, §III);

Illi, premessi dawn il-konsiderazzjonijiet, għandha ssir

l-indaġini jekk il-konvenut Arena riedx, u fil-fatt daħalx, garanti tal-konvenut Caruana. Ġie pruvat li l-attur kien silef lil Caruana £12; wara xi sena u nofs talbu self ieħor ta' £18; l-attur qallu li kien lest jagħtihomlu, purkè jġiblu garanti għas-somma kollha ta' £30. Dak il-ħin kien għaddej Arena, u Caruana talbu jiffirmalu l-iskrittura li hu kien ipprepara. L-attur għarraf lil Arena li biex jagħti l-flus lil Caruana kien irid jidħol responsabbli tad-dejn. Arena dak il-ħin ma riedx jiffirma, u qal "issa nara, issa nara"; u mar. Billi l-attur insista għall-garanti, Caruana, waħdu, mar isib lil Arena, u talbu jagħmillu ta' xhud, u Arena ffirma l-iskrittura. Caruana mbgħad ħadha lill-attur, u dan taħ £18. Meta Caruana baqa' morus, l-attur interpella lil Arena għall-ħlas, u dan, meta aċċidentalment u fit-trieq iltaqa' miegħu, qallu:— "Miegħek ma għandix x'naqsam; iffirmajt biss bħala xhud";

Illi minn dan jidher li Arena qatt ma kellu l-intenzjoni li jidħol garanti ta' Caruana, u għalhekk huwa mhux responsabbli tad-dejn in kwistjoni. Xejn ma jiswa li hu ffirma l-iskrittura; għaliex, apparti li fiha l-garanzija ma tissemmiex, ladarba l-pretiża fidejussjoni ma kienetx espressa, għandha tiġi eskluża, u għandu jiftiehem li Arena ffirma bħala sempliċi xhud. "Si pater tuus pro Cornelio, cum paecuniam in mutuum acciperet, se non obligavit, frustra ex eo, quod tabulas obligationis ut testis signavit, conveneris" Cod. de fidejus. Lib. VIII, Tit. XLI, L. 6). U Pothier, fuq l-awtorità tad-Dritt Ruman, ikompli jikkonferma:— "Se fosse stato espresso in un'obbligazione che essa è stata fatta in mia presenza e che io l'ho sottoscritta, non si potrebbe da ciò conchiudere che io mi sia reso fideiussore; ma in questo caso si deve riputare che io abbia sottoscritto soltanto come testimone" (Obbligazioni, §402);

Illi lanqas jista' jekwivali għal garanzija l-fatt li qabel din l-operazzjoni Arena qal lill-attur li huwa ġie li għen finanzjarjament lil Caruana, u li kien bi ħsiebu jkompli jgħinu; għaliex, apparti li f'dak l-istess kontest hu qal li garanti ma jagħmel lil ħadd (fol. 15), jibqa' dejjem li l-pretiża garanzija ma kienetx espressa fis-sens tal-liġi. Jekk anki l-kliem ta' Arena seta' jfisser li Caruana, bl-għajnuna tiegħu, kien ikun kapaċi jħallas id-dejn, dan ma jista' qatt

jammonta għal garanzija. "La fideiussione", jinnota Baudry, "non può risultare da un semplice consiglio o da una semplice raccomandazione, nè da alcun atto (per quanto significativo esso possa essere) che esprima tacitamente l'intenzione di rendersi garante" (op. ċit. §929). Aktar speċfiku hu l-insenjament ta' Foramiti":— "Se io ti ho detto o scritto in una lettera che un tale, cui tu vuoi prestare una somma di denaro, è solvibile, ciò non può prendersi per una fideiussione; perchè io posso avere avuto soltanto l'intenzione di assicurarti di quanto io credevo, e non già di obbligarmi" (Enciclopedia Legale, Fideiussione, Vol. II, paġ. 440. col. 2a. in fine). Ara f'dan is-sens, ukoll, Digesto Italiano, voce Fideiussione, §12);

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi t-talba tal-attur kontra l-konvenut Arena mhix sostenibbli;

Illi fir-rigwardi tal-konvenut Caruana l-istanza tinsab ġustifikata bl-ammissjoni tiegħu;

Għal dawn il-motivi;

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-preġudizzjali opposta mill-konvenut Arena, billi ġiet rinunzjata;

Tillibera lill-istess Arena mid-domanda tal-attur, bl-ispejjeż;

U tilqa' t-talba tal-attur fil-konfront tal-konvenut Caruana, bl-ispejjeż relattivi kontra tiegħu.